MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 326/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Manicaro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 306866 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xahar ta' Novembru 2011 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Maria Victoria Manicaro u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Gunju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 338(z) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant ħati u għaldaqstant ikkundannatu ġimgħa detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fil-21 ta’ Ġunju 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn l-appellant instab ħati, tirrevokaha fir-rigward tal-piena billi minflok tapplika piena iktar konfaċenti maċ-ċirkostanzi tal-każ.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Kif jidher mill-fatti fuq esposti l-esponent mhuwiex bniedem kapriċjuż iżda ħass li l-manteniment kien ġie ffissat mingħajr mal-Qorti semgħet lilu propju minħabba li l-Avukat tiegħu dak iż-żmien kien imsiefer u hu għalhekk ma kienx daħħal ir-risposta tiegħu. Huwa minnu li r-rikors sussegwenti tiegħu għal modifika ġie miċħud iżda dan ġara għaliex martu qalet fatti inveritieri fir-risposta tagħha u l-Qorti tal-Familja ddekretat ir-rikors tieghu mingħajr la tatu opportunita` li jirribatti dak li qalet martu u lanqas ma appuntat ir-rikors għas-smigħ biex allura kien ikollha stampa iktar ċara u veritiera tal-fatti. Jibqa` l-fatt pero` li appena r-rikors tiegħu ġie miċħud, l-esponent beda jħallas il-manteniment ordnat regolarment u fil-fatt qatt ma saret ebda kwerela minħabba n-nuqqas ta’ ħlas ta’ manteniment għax-xhur kollha minn Diċembru 2011 sa llum. Bhax-xahrejn ta’ qabel Novembru 2011, l-esponent offra li jħallas anke dan il-manteniment b’mod rateali iżda ma sabx il-ko-operazzjoni ta’ martu.

Illi una volta l-esponent qiegħed illum iħallas il-manteniment regolarment, liema manteniment iħllsu mill-qligħ l jagħme minn xogħlu, jiġisottomess bir-rispett li l-piena ta’ detenzjoni mhijiex biss ħarxa u mhux f’lokha iżda talli tkun kontro-producenti għaliex ittellfu ġimgħa qligħ u

ċċappaslu l-kondotta. Jigi ukoll sottomess li s-sanzjoni ta' detenzjoni iddaħħlet mill-leġislatur għal dawk il-każi fejn min hu obbligat imantni juri ruhu li ma jimpurtahx minn ordni ta' Qorti u jibqa` ripetutament jinjoraha u jħalli lil min għandu jiġi mantnut fil-bżonn. Dan ċertament mhuwiex il-każ odjern fejn l-esponent qieghed fil-fatt ihallas regolarment il-manteniment u n-nuqqas jirrigwarda perjodu qasir ta' tliet xhur kważi sena ilu meta ġie maħsud b'digriet ta' manteniment u pprova, sa issa unutilment, li jottjeni riduzzjoni tiegħu.

Ikkonsidrat

Li matul is-seduta ta' llum kien ikkonfermat mill-parti civili li l-manteniment għax-xahar li jidher fiċ-ċitazzjoni u għal xhur oħra tħallas kollu kemm hu.

Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza tat-13 ta' Gunju, 2012 fl-ismijiet premessi billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih qed tiffirkormaha fejn il-Qorti kkundannat lill-appellant għal ġimgħa detenzjoni u minflok qed tikkundannah iħallas ammenda ta' €58.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------